**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 04 ta' Gunju, 2019**

**Rikors Guramentat Nru: 1017/2009 AF**

**Kurt u Boris ahwa Cini, u Mary Josephine sive Josette armla ta' Mark Cini**

**vs**

**Vladimir Cini u Yvonne mart Victor Galea**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi Kurt u Boris ahwa Cini u ta' Mary Josephine sive Josette Cini, armla ta' Mark Cini, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-esponenti Kurt u Boris ahwa Cini, ulied l-esponenti l-ohra Mary Josephine sive Josette Cini, jigu wkoll ulied Mark Cini, li miet fid-9 ta' April, 2008, bin il-mejtin Antonio Cini u Josephine neè Montford li mietu rispettivament fl-24 ta' Gunju 2002 u fis-27 ta' Lulju 2000 (Dokument A).

Bl-ahhar testment taghhom, maghmul '*unica charta*' in atti n-Nutar Dottor Pierre Cassar tal-11 ta' Lulju, 2000, l-imsemmija konjugi Antonio u Josephine Cini fost disposizzjonijiet ohra hallew lil xulxin kwart indiviz mill-gid taghhom in generali, u hatru bhala eredi taghhom lil uliedhom Valdimir Cini, Yvonne mart Victor Galea, u Rose Cini filwaqt illi hallew il-legittima lil binhom Mark Cini, missier l-esponenti Kurt u Boris Cini u zewg l-esponenti l-ohra Mary Josephine sive Josette Cini (Dokumenti B u C).

L-imsemmija Rose Cini, bint il-konjugi Antonio u Josephine Cini hawn fuq imsemmija, mietet fit-22 ta' Mejju 2009 u bit-testment taghha maghmul in atti n-Nutar Pierre Cassar tat-23 ta' Mejju 2002, innominat bhala eredi taghha lill-konvenuti Vladimir Cini u Yvonne mart Victor Galea (Dokumenti D u E).

Bl-ahhar testment taghhom, maghmul 'unica charta' in atti n-Nutar Dottor Pierre Cassar tat-3 ta' Mejju 2006, l-esponenti Mary Josephine sive Josette Cini u l-mejjet zewgha Mark Cini, missier l-esponenti Kurt u Boris Cini kif inghad, gie stabbilit li l-istess Josette Cini tkun unika eredi ta' zewgha Mark, u li l-esponenti Kurt u Boris Cini jippercepixxu s-sehem riservat lilhom skond il-igi (Dokument F).

Huwa l-kaz li tigi likwidata l-legittima li kienet tispetta lill-imsemmi Mark Cini mill-eredità tal-genituri tieghu Antonio u Josephine Cini, ukoll hawn fuq imsemmija, biex l-esponenti jircievu minghand il-kovenuti s-sehem rispettiv taghhom mill-legittima li kif inghad kienet tispetta lil Mark Cini.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tillikwida l-assi ereditarju tal-mejjet Antonio Cini, li miet fl-24 ta' Gunju 2002.

2. Tillikwida l-assi ereditarju tal-mejta Josephine Cini, li mietet fis-27 ta' Lulju 2000.

3. Tillikwida konsegwentement il-legittima gjà spettanti lil Mark Cini, bin l-imsemmija Antonio u Josephine konjugi

Cini, illum mejjet, u liema sehem legittimarju jispetta lill-esponenti bejniethom kif gie spjegat.

4. Tillikwida s-sehem li jispetta lil kull wiehed u wahda mill-esponenti mill-legittima li kienet tispetta lill-mejjet Mark Cini.

5. Tinnomina Nutar Pubbliku biex fiz-zmien u skond il-modalitajiet li joghgobha tiffissa din l-Onorabbli Qorti jippubblika l-att opportun li in forza tieghu jigi assenjat mill-konvenuti lil kull wiehed u wahda mill-esponenti s-sehem lilhom spettanti mill-legittima li ghaliha kien intitolat il-mejjet Mark Cini.

6. Tinnomina kuraturi biex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-att li jkun irid jigi ppubblikat kif qed jinghad.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li jibqghu ingunti in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti Yvonne Galea u Vladimir Cini, li permezz tagħha eċċepew illi:

Missier il-konvenuti u zewg Josette Cini u cioè Mark Cini digà thallas tal-legittima pretiza mill-atturi f'hajtu kif ser jigi ppruvat waqt is-smiegh ta' din il-kawza u allura l-konvenuti m'ghandhom jaghtu xejn lill-atturi.

Minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, jekk din l-Onorabbli Qorti tiddeciedi xort'ohra u takkorda l-legittima mitluba, fil-likwidazzjoni taghha ghandha taghti kaz is-servigi li ghamlu l-konvenuti ma' missierhom u ommhom matul hajjithom u specjalment fl-ahhar snin ta' hajjithom.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi.

Rat id-digriet tagħha diversament presjeduta li permezz tiegħu ħatret lil Dr. Joseph Buttigieg bħala perit legali.

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma quddiem il-perit legali.

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, l-atturi qegħdin jitolbu li tiġi stabbilita l-leġittima li kienet spettanti lil Mark Cini, illum mejjet, mill-wirt tal-ġenituri tiegħu Antonio u Josephine konjuġi Cini li mietu fl-24 ta' Ġunju 2002 u fis-27 ta' Lulju 2000 rispettivament.

Il-konjuġi Cini kienu għamlu testment *unica charta* fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Cassar tal-11 ta' Lulju 2000. Permezz tiegħu, it-testaturi *inter alia* ħallew lil xulxin legat in piena proprjeta ta' kwart indiviż tal-ġid tagħhom in ġenerali u istitwew bħala eredi universali lill-uliedhom Vladimir, Yvonne u Rose aħwa Cini. Lil binhom Mark Cini ħallew biss il-leġittima spettanti lilu skont il-liġi. Peress illi din il-leġittima ma ġietx assenjata lil Mark Cini, kellha tiġi istitwita din il-kawża mill-eredi tiegħu.

Mark Cini miet fid-9 ta' April 2008. Permezz ta' testment unica charta li għamel ma martu l-attriċi tat-3 ta' Mejju 2006 fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Cassar, huwa istitwixxa bħala eredi universali lill-imsemmija martu, filwaqt illi lill-uliedu l-atturi l-oħra fil-kawża ħalla l-porzjoni riżervata skont il-liġi.

Rose Cini mietet fit-22 ta' Mejju 2009. Permezz ta' testment fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar tat-23 ta' Mejju 2002, hija istitwiet bħala eredi universali lil ħutha Vladimir u Yvonne aħwa Cini, konvenuti f'din il-kawża.

Kif tajjeb jissottometti l-perit legali, il-partijiet ma preżentaw l-ebda ċertifikat maħruġ mir-Reġistru Pubbliku jew mill-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja sabiex juru li l-imsemmija testmenti verament jirregolaw l-eredità ta' Antonio u Josephine konjuġi Cini, ta' Rose Cini u ta' Mark Cini. Madanakollu, ladarba ħadd mill-partijiet ma jidher li qiegħed jikkontesta li t-testmenti

esebiti verament jirregolaw is-suċċessjoni ta' dawn il-persuni, il-Qorti ser tistrieħ fuq il-kontenut tagħhom.

Il-leġittima (illum il-porzjoni riżervata) hija dik il-parti tal-proprjeta tad-decujus li l-liġi tirriserva lill-uliedu u (qabel) lil dawk kollha parentati miegħu li kellhom dritt għaliha skont il-liġi.

Din il-kawża infetħet fl-2009. Madanakollu, huwa indubitat illi tapplika l-liġi kif kienet fil-mument tal-ftuħ tas-suċċessjoni tal-konjuġi Cini u ċioè qabel l-emendi fil-liġi tas-suċċessjoni li daħlu fis-seħħ fl-2004.

In linea ta' prinċipju ġenerali, fil-kawża fl-ismijiet Dorothy Grech vs Deborah Fenech de Fremaux, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-5 ta' Mejju 2011, intqal hekk:

> *"Il-ligi kienet tqis is-sehem rizervat bhala parti mill-gid tal-mejjet (quota bonorum) u mhux bhala sehem mill-wirt tieghu (hereditatis portio) u ghalhekk il-legittimarju ma kienx semplici kreditur tal-wirt u lanqas ma kien mistenni li jaghmel tajjeb ghad-djun tieghu (ghalkemm l-ammont ta' djun tal-wirt ihallu effett fuq is-sehem tal-legittima li l-legittimarju jkollu jedd jirċievi). Il-legittimarju, ghalhekk, ma jitlifx il-jedd ghal-legittima jekk kemm-il darba jirrinunzja ghall-wirt, u ma jistax jippretendi dak li jmissu b'legittima qabel ma jkun irrinunzja ghall-wirt (Debono vs Licari et PA 16/12/1954 Kollez. Vol. XXXVIII.ii.620). Il-legittimarju jrid jitlob il-legittima minghand min ikun inhatar (jew accetta li jkun) werriet, u ghandu l-jedd jistenna li l-gid li minnu jinghata s-sehem rizervat tieghu ikun ghadu fl-istat kif kien jinsab fil-waqt tal-mewt tad-decuius (Farrugia noe et vs Mintoff noe et (App 10/06/1949 Kollez. Vol. XXXIII.i.472);*
>
> *Illi jsegwi li idejalment il-legittima trid tinghata in natura (Wismayer et vs Wismayer et (PA 22/05/1950 Kollez. Vol. XXXIV.ii.574), jigifieri tkun maghmula minn fost il-hwejjeg mill-gid tal-mejjet li jew jkunu ghadhom jaghmlu parti mill-assi tieghu mal-mewt, jew ikunu ddahhlu idejalment lura fil-wirt jekk il-mejjet ikun matul hajtu iddispona b'liberalita*

*minn izjed minn dak li taghtih il-ligi. Is-sehem rizervat jinhadem fuq il-wirt kollu (maghdud dak li t-testatur ikun ta b'xejn matul hajtu wkoll bi hsieb ta' z-zwieg (art. 620(3) tal- Kap. 16), wara li jitnaqqsu d-djun u l-ispejjez tal-funeral (art. 620(2) tal-Kap. 16) u dak il-gid kollazzjonabbli li l-legittimarju ikun ha minghand it-testatur (art. 620(4) tal-Kap. 16), u tinghata fi proprjeta shiha mehlusa minn kull piz jew kondizzjoni (art. 620(1) tal-Kap. 16). Fuq kollox, is-sehem rizervat jigi mghoddi b'assenjazzjoni u mhux bit-tlugh tax-xorti (Scicluna et vs Meli et (PA 07/01/1967 Kollez. Vol: LI.ii.696);*

*Illi huwa principju accettat ukoll li s-sehem rizervat inissel il-jedd ghall- imghaxijiet favur min ghandu jedd ghalih. Tali mghax jibda ghaddej minn dak inhar li jinfetah il-wirt, imma jitqies biss fuq is-sehem li jkun imiss lil-legittimarju u mhux fuq il-gid kollu tal-wirt (Said vs Borg Grech noe et (PA 16/05/1950 Kollez. Vol. XXXIV.ii.568);*

*Illi fi kwestjoni li tolqot il-likwidazzjoni tas-sehem rizervat huwa gudizzjarjament stabilit li l-kriterju tal-valutazzjoni tal-gid kellu jkun dak ta' kemm kien jiswa tali gid fiz-zmien li nfetah il-wirt u fil-kundizzjoni li tali gid kien dak iz-zmien, u b'mod izjed preciz: "li, ghall-finijiet tal-operazzjoni preliminari ta' komputa li hija r-riunjoni fittizja tal-assi ereditarju in kwantu diretta ghar-rikostruzzjoni tal-patrimonju kollu tad-decuius (li l-ligi tikkunsidra bhala terminu ta' riferiment ghad-determinazzjoni tal-kwota disponibbli u, b'rifless ta' dik indisponibbli, anke biex talvolta tigi affermata jew eskluza l-ezistenza tal-lezjoni tal-legittima) bilfors wiehed irid jirriporta ruhu ghall-valuri fiz-zmien tal-apertura tas-successjoni, tenut kont, naturalment, f'dan ir-rigward, tad-dispozizzjonijiet rilevanti tal-ligi relattivi ghall-kollazzjoni". Izda, "jekk il-legittima ma gietx sodisfatta u, trattandosi ta' beni in natura (mhux flus), ikkonvertiet ruhha, fil-kazijiet fejn dan hu konsentit mil-ligi, fi dritt ta' kreditu fi flus, id-dritt tal-legittimarju ghandu bhala oggett "un bene reale" u l- "aestimatio rei" ghandha tkun riferita ghaz-zmien tal-konverzjoni, cioe z-zmien l-iktar qrib possibbli ghall-pronunzja gjudizzjali u tenut kont ghalhekk ta' xi sopravenuta svalutazzjoni*

*monetarja" (Concetta Vella et vs Giuseppe Bugeja et (App 10/12/1973 mhix pubblikata);*

*Illi tali fehma tibqa' ssehh ukoll jekk kemm-il darba l-jedd tas-sehem rizervat ma jkunx gie soddisfatt bla htija tal-parti li ghandha jedd ghalih u jkun inbidel fi dritt ta' kreditu li jithallas fi flus bhala "aestimatio rei" (Emilia Mifsud et vs Eleonora Mizzi noe et (App 14/12/1973 mhix pubblikata). Izda, f'dak il-kaz, il-valur ghandu jkun iqarreb il-valur tal-gid fiz-zmien tal-likwidazzjoni tas-sehem rizervat (Mary Anne Zammit et vs Antonia Ellul et, App 28/01/2005). Dawn il-kriterji kollha jfissru li, fl-ezereizzju tal-likwidazzjoni tal-assi ereditarju ghall-finijiet li jigi stabilit is-sehem rizervat, wiehed ma jistax iqis il-potenzjal jew il-possibilitajiet ta' dak il-gid fil-gejjieni (ikun kemm ikun probabbli li jizdied il-valur tieghu). Dan johrog ukoll mill-fatt li l-jedd ghas-sehem rizervat jitnissel mal-ftuh tas-successjoni u huwa marbut sfiq ma' dik il-grajja fil-qafas taz-zmien li tkun sehhet."*

Il-konvenuti eċċepew illi Mark Cini tħallas il-leġittima spettanti lilu matul ħajtu kif ukoll illi fi kwalunkwe likwidazzjoni tal-leġittima kif mitlub, il-Qorti għandha tqis is-serviġi reżi mill-konvenuti lill-ġenituri tagħhom.

Il-konvenuti ressqu provi prinċipalment relatati mal-ewwel eċċezzjoni tagħhom. Madanakollu, il-Qorti taqbel mal-perit legali li l-konvenuti ma ġabu l-ebda prova tanġibbli li l-konjuġi Cini qatt għaddew xi flus, beni jew ishma lil Mark Cini matul ħajtu kif jallegaw l-istess konvenuti.

Il-konvenuti xehdu permezz ta' affidavit u ġew kontro-eżaminati. Bħala xhieda huma ressqu lill-awditur Anthony Abdilla u lil Alfred Ellul li kien fis-sħab fin-negozju mad-decujus Antonio Cini. Mid-depożizzjoni tal-aħħar żewġ xhieda, bl-ebda mod ma jirriżulta dak li qed jikkontendu l-konvenuti. Huma biss il-konvenuti li jisħqu li missierhom kien jgħaddi l-flus lill-ibnu, għaliex skont huma ma kellux biex imantni l-familja, imma prova ta' dan ma ġabu xejn.

Minkejja li ġew esebiti diversi dokumenti relatati man-negozju tal-familja li kien ġestit minn missierhom u imbagħad minn Mark Cini, l-ebda dokument ma juri li Antonio Cini qatt għadda xi somom ta' flus lil ibnu jew li kien hemm xi donazzjoni ta' ishma tal-kumpanniji lil Mark Cini.

Kif sewwa jirrileva l-perit legali:

> *"L-eċċezzjoni tal-intimati kienet tikkomporta illi huma jippruvaw illi l-pretensjoni mressqa mill-atturi rikorrenti kienet ġa ġiet sodisfatta. Minħabba f'hekk, għas-suċċess tal-istess eċċezzjoni kien preordinat illi l-intimati jippruvaw żewġ ħwejjeġ u ċioè (i) għal kemm kienet tammonta l-leġittima talvolta spettanti lil Mark Cini mill-wirt ta' kull wieħed mill-ġenituri tiegħu, u (ii) x'kienu l-ammonti ta' flus jew valur ta' beni li allegatament irċieva Mark Cini f'ħajtu mingħand il-ġenituri tiegħu. Dana sabiex seta' jiġi stabbilit jekk dak li kienu qed jikkontendu l-istess intimati kienx fil-fatt avvera ruħu, ċioe sabiex toħroġ il-prova neċessarja sal-grad li titlob il-liġi biex wieħed jikkonkludi jekk il-leġittima spettanti lill-awtur tar-rikorrenti kinitx ġiet effettivament saldata in toto jew in parti."*

Il-konvenuti kien imisshom ġabu prova ta' figuri ċari u mhux jagħmlu riferenzi vagi magħmula b'mod approssimattiv. F'ċirkostanzi simili, mhux biżżejjed l-indizji iżda kien meħtieġ illi tinġieb prova materjali u dokumentarja tal-allegati donazzjonijiet. Din il-prova riedu jagħmluha l-konvenuti. Il-provi juri li saru xi trasferimenti ta' ishma iżda ma jindikawx dawn sarux b'titolu oneruż jew gratwitu.

Konsegwentment, l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti ser tiġi skartata stante li l-konvenuti ma rnexxilhomx juru li Mark Cini irċieva f'ħajtu beni, flus jew ishma mingħand il-ġenituri tiegħu li kienu jammontaw għall-ekwivalenti ta' dak dovut lilu bħala l-valur tal-leġittima spettanti lilu.

Dwar it-tieni eċċezzjoni tagħhom imbagħad, il-konvenuti ma ressqu l-ebda prova ħlief li fl-affidavit tagħhom qalu li huma kienu jduru b'ommhom fl-aħħar sentejn ta' ħajjitha u b'missierhom fl-aħħar sitt xhur ta' ħajtu. Dan ċertament ma

kienx biżżejjed in sostenn tal-eċċezzjoni tagħhom. Ma saret l-ebda riferenza konkreta jew materjali għal tali serviġi, wisq inqas ma ressqu xi prova sabiex dawn is-serviġi jiġu likwidati kemm-il darba jirriżultaw. Għalhekk, din l-eċċezzjoni sejra wkoll tiġi miċħuda.

Imiss issa li jiġu meqjusa t-talbiet attriċi. Qabel ma tgħaddi biex tagħmel dan, il-Qorti ser tikkummenta fuq il-punt sollevat mill-perit legali dwar l-interess ġuridiku tal-atturi Kurt u Boris aħwa Cini sabiex jipproponu din l-azzjoni. Dan stante li l-imsemmija atturi mhumiex eredi ta' Mark Cini.

Din il-Qorti ser tillimita ruħha billi tgħid illi taqbel mal-osservazzjoni tal-perit legali li nonostante l-fatt li l-imsemmija atturi mhumiex werrieta, huma għandhom l-interess ġuridiku meħtieġ sabiex jipproponu din il-kawża stante li lilhom tispetta l-porzjoni riżervata skont il-liġi mill-wirt ta' missierhom. Salv dak li ser jingħad aktar 'l quddiem dwar lil min tispetta llum il-leġittima li kienet dovuta lil Mark Cini mill-wirt tal-ġenituri tiegħu, l-atturi aħwa Cini għandhom kull interess illi jkunu f'din il-kawża sabiex jiġu inklużi l-beni kollha appartenti lill-massa ereditarja ta' missierhom, li abbażi tagħha ser tiġi eventwalment kalkolata l-porzjoni riżervata spettanti lilhom.

Stabbilit dan kollu, skont l-artikolu 616(1) tal-Kapitolu 16, kemm kif kien jaqra qabel l-emendi u kemm kif jaqra llum, il-leġittima li jmiss lill-ulied hija terz tal-valur tal-beni tal-mejjet, jekk it-tfal ma jkunux iżjed minn erba', bħal ma huwa l-każ tal-lum.

Qabel ġie emendat, l-artikolu 620 tal-Kap. 16 kien jaqra hekk:

> *"(1) Il-leġittima għandha tingħata fi proprjetà sħiħa, u testatur ma jista' jgħabbiha b'ebda pż jew kondizzjoni.*
>
> *(2) Il-leġittima tinqies fuq l-assi kollu, wara li jitnaqqsu d-djun ta' l-assi u l-ispejjeż tal-funerali.*
>
> *(3) Fl-assi jidħol dak kollu li minnu t-testatur, b'titolu gratuwitu, ukoll f'kontemplazzjoni ta' żwieġ, ikun iddispona*

*favur ta' xi ħadd, minbarra l-ispejjeż ta' l-edukazzjoni tat-tfal jew dixxendenti oħra.*

*(4) Dak li jmissu l-leġittima għandu jaqta' minnha dak kollu li jkun ħa mingħand it-testatur u li jkun suġġett għall-kollazzjoni taħt id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 913 sad-938."*

Peress illi jirriżulta li l-proprjetà immobbli li kienet tappartjeni lill-wirt tal-konjuġi Antonio u Josephine Cini inbiegħet mill-eredi tagħhom, il-leġittima tikkonverti ruħha fi dritt ta' kreditu ta' flus.

**<u>L-assi ta' Josephine Cini</u>**

- **<u>Immobbli</u>**

Kwantu għall-proprjetà immobiljari, Josephine Cini ħalliet nofs indiviż tal-mezzanin bla numru u bl-isem Valhalla fi Triq it-Tama, kantuniera ma' Bunting Street, Paola, valutat fil-c*ausa mortis* tagħha li saret fit-23 ta' Jannar 2001 fil-prezz ta' Lm20,000. Dan il-fond inbiegħ mill-werrieta tal-konjuġi Cini permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Cassar tat-23 ta' Settembru 2003 għall-prezz ta' Lm150,000.

Jirriżulta wkoll att ta' donazzjoni mill-konjuġi Cini lil binthom Rose Cini datat 9 ta' Settembru 1999 fejn saret donazjoni ta' parti diviża mill-ġnien tal-fond Valhalla bil-valur ta' LM10,000. Sehem id-decujus huwa ta' Lm5,000. Dan l-ammont irid jiżdied mal-beni tad-decujus a tenur tal-artikolu 620(3) tal-Kap. 16.

- **<u>Flus</u>**

Bħala beni oħra appartenti lill-eredità ta' Josephine Cini rriżultaw is-segwenti depożiti f'kontijiet bankarji:

i. Kont kurrenti bin-numru 131537298 (HSBC) – bilanċ ta' Lm3478.67 f'isem Antonio Cini, sehem tad-decujus: Lm1739.33;

ii. Kont *savings* bin-numru 134377291 (HSBC) – bilanċ ta' Lm34.35, f'isem Antonio Cini – sehem tad-decujus Lm17.70.

**Djun tal-assi ta' Josephine Cini**

Jidher li l-konjuġi Cini kienu sselfu Lm20,000 mingħand Rose Cini permezz tal-kuntratt tad-9 ta' Settembru 1999. Stante li ma jirriżultax mill-atti li dan id-dejn ġie saldat, għandu jiġi meqjus għall-finijiet ta' kalkolu tal-leġittima a tenur tal-artikolu 620(2). Sehem id-decujus huwa ta' Lm10,000.

Dwar l-ispejjeż tal-funeral il-partijiet ma ġabu l-ebda prova. Il-Qorti sejra għalhekk tillikwida l-ispejjeż tal-funeral ta' Josephine Cini *arbitrio boni viri* fis-somma ta' €1200.

**Kalkolu tal-leġittima**

Jirriżulta li l-fond 'Valhalla' kien ġie demolit u fuqu kif ukoll fuq art adjaċenti sar żvilupp konsistenti f' numru ta' appartamenti u garaxxijiet. Minħabba li kif diġà ntqal din il-proprjetà immobbli inbiegħet, il-leġittima ma tistax titħallas in natura imma tissarraf fi dritt ta' kreditu u allura l-valutazzjoni xierqa għandha tkun dik l-aktar viċin tal-pronunzja ġudizzjarja. Il-valutazzjoni l-aktar riċenti li tirriżulta mill-atti hija dik ta' Lm150,000 u ċioè l-prezz li bih inbiegħ il-fond fl-2003.

Għalhekk, il-komputazzjoni finali tal-beni (attiv) ta' Josephine Cini għandu jaqra hekk:

- Sehemha mill-fond Valhalla – Lm75,000, illum €174,703;
- Sehemha mid-depożiti l-bank – Lm1,757.03, illum €4092.78;
- Sehemha mil-ġnien donat lil Rose Cini – Lm5,000, illum €11,646.87;

Total: Lm81,757.03, illum €190,442.65.

Minn dan l-ammont iridu jitnaqqsu l-ispejjeż tal-funeral (€1,200) u d-djun tal-assi fl-ammont ta’ Lm10,000 (illum €23,293.73).

Jibqa’ għalhekk attiv fl-ammont ta’ €165,948.92.

A tenur tal-artikolu 616(1) tal-Kap. 16, il-leġittima mill-wirt tad-decujus għandha tkun ta’ terz billi l-ulied kienu erbgha. Kwindi terz ta’ €165,948.92 = €55,316.31 li imbagħad għandu jiġi diviż bejn erba’ wlied biex allura l-leġittima ġja spettanti lil Mark Cini mill-wirt ta’ ommu Josephine Cini jammonta għal €13,829.08.

L-atturi ma għamlu l-ebda talba għall-imgħax.

**L-assi ta’ Antonio Cini**

- **Immobbli**

Kwantu għall-proprjetà immobiljari, Antonio Cini ħalla sehem ta’ 5/8 indiviż tal-mezzanin bla numru u bl-isem Valhalla fi Triq it-Tama, kantuniera ma’ Bunting Street, Paola, valutat fil-*causa mortis* tiegħu li saret fis-17 ta’ Diċembru 2002 fil-prezz ta’ Lm31,250. Kif diġà ntqal, dan il-fond inbiegħ mill-werrieta tal-konjuġi Cini permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Cassar tat-23 ta’ Settembru 2003 għall-prezz ta’ Lm150,000.

Jirriżulta wkoll att ta’ donazzjoni mill-konjuġi Cini li binthom Rose Cini datat 9 ta’ Settembru 1999 fejn saret donazjoni ta’ parti diviża mill-ġnien tal-fond Valhalla bil-valur ta’ Lm10,000. Sehem id-decujus huwa ta’ Lm5,000. Dan l-ammont irid jiżdied mal-beni tad-decujus a tenur tal-artikolu 620(3) tal-Kap. 16.

- **Flus**

Bħala beni oħra appartenti lill-eredità ta' Antonio Cini rriżultaw is-segwenti depożiti f'kontijiet bankarji:

i. Kont (HSBC) bin-numru 031042049001 - bilanċ ta' Lm1,190.04;

ii. Kont (HSBC) bin-numru 031042049050 - bilanċ ta' Lm4,581.11;

iii. Kont (HSBC) Visa - bilanċ ta' Lm7.

## Djun tal-assi ta' Antonio Cini

Kif diġà ntqal il-konjuġi Cini kienu sselfu Lm20,000 mingħand Rose Cini permezz tal-kuntratt tad-9 ta' Settembru 1999. Stante li ma jirriżultax mill-atti li dan id-dejn ġie saldat, għandu jiġi meqjus għall-finijiet ta' kalkolu tal-leġittima a tenur tal-artikolu 620(2). Sehem id-decujus huwa ta' Lm10,000.

Dwar l-ispejjeż tal-funeral il-partijiet ma ġabu l-ebda prova. Il-Qorti sejra għalhekk tillikwida l-ispejjeż tal-funeral ta' Antonio Cini *arbitrio boni viri* fis-somma ta' €1200.

## Kalkolu tal-leġittima

Minħabba li kif diġà ntqal din il-proprjeta immobbli inbiegħet, il-leġittima ma tistax titħallas in-natura imma tissarraf fi dritt ta' kreditu u allura l-valutazzjoni xierqa għandha tkun dik l-aktar viċin tal-pronunzja ġudizzjarja. L-aktar riċenti li tirriżulta mill-atti hija dik ta' Lm150,000 u ċioè l-prezz li bih inbiegħ il-fond fl-2003.

Għalhekk, il-komputazzjoni finali tal-beni (attiv) ta' Antonio Cini għandu jaqra hekk:

- Sehemu mill-fond Valhalla – Lm93,750, illum €218,378.76;

- Flus il-bank – Lm5778.15, illum €13,459.47;

- Sehemu mil-ġnien donat lil Rose Cini – Lm5,000, illum €11,646.87;

  Total: Lm104,528.15, illum €243,485.09.

Minn dan l-ammont iridu jitnaqqsu l-ispejjeż tal-funeral (€1,200) u d-djun tal-assi fl-ammont ta' Lm10,000 (illum €23,293.73).

Jibqa' għalhekk attiv fl-ammont ta' €218,991.36.

A tenur tal-artikolu 616(1) tal-Kap. 16, il-leġittima mill-wirt tad-decujus għandha tkun ta' terz billi l-ulied kienu erba'. Kwindi terz ta' €218,991.36 = €72,997.12 li imbagħad għandu jiġi diviż bejn erba' wlied biex allura l-leġittima ġja spettanti lil Mark Cini mill-wirt ta' missieru Antonio Cini jammonta għal €18,249.28.

L-atturi ma għamlu l-ebda talba għall-imgħax.

B'hekk, l-ammont komplessiv dovut bħala leġittima li kienet spettanti lil Mark Cini mill-eredità tal-ġenituri tiegħu Antonio u Josephine konjuġi Cini huwa ta' €32,078.36.

Riferibbilment għar-raba' talba, din il-Qorti taqbel mal-perit legali li din ma tistax tintlaqa' kif dedotta. Għalkemm ġie stabbilit li t-tlett atturi għandhom l-interess ġuridiku meħtieġ sabiex jipproponu din l-azzjoni, il-leġittima hija dovuta lill-eredi ta' Mark Cini biss, f'dan il-każ lill-attriċi Mary Josephine Cini.

Stante li l-leġittima ser tiġi assenjata bħala kreditu, in kwantu li ma tistax tiġi sodisfatta permezz ta' beni in-natura, il-ħames u sitt talbiet lanqas ma jimmeritaw li jintlaqgħu kif dedotti.

Għaldaqstant u għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tillikwida l-assi ereditarji tal-mejjet Antonio Cini fis-somma ta' mitejn u tmintax-il elf, disgħa mija u wieħed u disgħin Ewro u sitta u tletin Ċenteżmu (€218,991.36);

2. Tilqa' t-tieni talba u tillikwida l-assi ereditarji tal-mejta Josephine Cini fis-somma ta' mija u ħamsa u sittin elf, disgħa mija u tmienja u erbgħin Ewro u tnejn u disgħin Ċenteżmu (€165,948.92);

3. Tilqa' t-tielet talba u konsegwentement, tillikwida l-leġittima ġja spettanti lill-mejjet Mark Cini, bin l-imsemmija Antonio u Josephine konjuġi Cini fl-ammont ta' tnejn u tletin elf, tmienja u sebgħin Ewro u sitta u tletin Ċenteżmu (€32,078.36);

4. Tiċħad ir-raba' talba għar-raġunijiet spjegati f'din id-deċiżjoni;

5. Riferibbilment għall-ħames u sitt talba, tordna lill-konvenuti sabiex iħallsu lill-attriċi Mary Josephine sive Josette Cini bħala l-eredi ta' Mark Cini s-somma ta' tnejn u tletin elf, tmienja u sebgħin Ewro u sitta u tletin Ċenteżmu (€32,078.36)u dan stante li l-leġittima kkonvertiet ruħha fi dritt ta' kreditu ta' flus.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenuti.

IMHALLEF

DEP/REG